# Minuti tad-Disa u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur
# Nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2011 fis-7:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Jonathan Buttigieg wasal fit-8:00 p.m.

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 58 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Siġar fi Triq it-Tiġrija.** Tħawwlu sitt siġriet tal-Prinjol fi Triq it-Tiġrija fejn kien hemm zkuk. Tħawwlu dawn it-tip ta' siġar sabiex ma jkunx hemm ħmieġ tal-frott tagħhom.

4. **Triq David Cocco Palmeri.** Il-Kunsill innota li l-bollards tal-ħadid li twaħħlu fi Triq David Cocco Palmeri mingħajr permess għadhom hemm għalkemm is-sidien ġew informati sabiex dawn jitneħħew. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni lil Transport Malta dwar dan.

5. **Poster tal-Karnival 2011.** Il-poster tal-Karnival bid-diżinn ta' Corey Cardona ġie amendat u għandu jiġi printjat din il-ġimgħa.

6. **Wine Festival 2011.** Ġew ikkonfermati d-dati tal-Wine Festival 2011. Din l-attivita' ser issir mil-Gimgħa 2 ta' Settembru sal-Ħadd 4 ta' Settembru 2011 fi Ġnien il-Kunsill.

7. **Zbir ta' Siġar**. Il-Kunsill informa lill-handyman tal-Kunsill sabiex jiżbor is-siġar li hemm fuq il-bankina fi Triq il-Madonna ta' Fatima. Il-handyman irrifjuta li jiżbor dawn is-siġar għaliex mimlijin bix-xewk. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra oħra lis-sid fejn hu jiġi nformat li l-Kunsill mhux responsabbli għal kwalunkwa inċidenti jew ħsarat li jistgħu jsiru minħabba dawn is-siġar. Għandhom jiġu nformati wkoll il-pulizija dwar dawn is-siġar li qegħdin jimblokkaw il-bankina.

8. **Trasport Pubbliku fil-Karnival.** Il-Kunsill s'issa għadu ma rċieviex risposta bil-miktub dwar hux ser issir trasport pubbliku fil-jiem tal-Karnival fil-ħinijiet tal-Karnival spontanju.

9. **Kwotazzjonijiet u Offerti.** Il-Kunsill irċieva l-kwotazzjonijiet marbuta mal-Karnival kif elenkat ħawn taht:

*Food Lights:*

Peter Borg €400
RVC Lights €5664
Peter Paul Azzopardi €230
Simon Peter Sultana €224
Richard Cauchi €210
Raymond Vella €3186

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Richard Cauchi peress li din kienet l-aktar waħda vantaġjuża u l-Kunsill għandu fiduċja fih.

*Sound*

Peter Borg €1569.40
Power Sound €649.00
Pro Stage €200.00
Antoine Farrugia €200
Teenage Sound €186

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Pro Stage Sound fuq bażi ta' esperjenza. Pro Stage indika wkoll li hu għandu l-assikurazzjoni tal-public liability.

Mobile Toilets

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda għall-mobile toilets dawn kienu ta' Michael Refalo bil-prezz ta' €28 euro plus vat kull wieħed kull jum

Tindif ta' toroq.

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda għat-tindif tat-toroq matul il-Karnival. Din kienet ta' Anthony Mercieca bil-prezz ta' €75 fis-siegħa u €90 għal kull scammel.

Bini ta' Enclosure tal-Karnival

Kien hemm żewġ kwotazzjonijiet:

Peter Paul Said bil-prezz ta' €1200 + vat għal bini; €480 + vat għat-tneħħija; €2.30 kull vieġ għal ġarr mill-barriera san-Nadur

Simon Sultana 900 + vat għal bini u tneħħija; €2.25 kull vieg għal ġar mill-barriera san-Nadur.

Charles Said ma ħax sehem fid-diskussjoni sabiex ikun konfermi mal-liġi. Miriam Portelli, s-Sindku ssuġġeriet li din il-kwotazzjoni tingħata lil Peter Paul Said peress li dan għandu l-esperjenza fil-bini ta' din l-enclosure. Maria Natoli ma qablitx u qalet li l-Kunsill għandu jagħti l-kwotazzjoni lill-orħos wieħed. Hi kompliet tgħid li Simon Sultana s'issa dejjem għamel xogħol tajjeb meta mqabad mill-Kunsill. Rita Mifsud u Jonathan Buttigieg qablu mas-Sindku u għalhekk il-bini ta' l-enclosure ingħatat lil Peter Paul Said. Il-gvern ser jsellef il-ġebel lill-kunsill għal din l-enclosure.

Offerti.

Il-Kunsill ħareġ offerti għas-servizz ta' bulky refuse. Għal din l-offerta l-Kunsill ma talabx bid bond peress li l-ammonti jkunu baxxi. Kien hemm żewġ offerti dawn huma ta:

Simon Sultana bil-prezz ta' €7.00 kull bulky
Anthony Mercieca bil-prezz ta' €6.29 kull bulky

Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni

Open Skips:

Joseph Mercieca bil-prezz ta' €55 kull skip
Peter Paul Said bil-prezz ta' €35.73 kull skip (ma kienx fiha bid bond)

Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni

Resurfacing (it-tieni kisja) ta' Triq San Blas.

Road Construction Co. Ltd. €275,282
Gatt Tarmac Ltd. €271,000

Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni. Għandha tingħata kopja ta' dawn iż-żewġ offerti lill-Contract Manager Renzo Curmi.

**10. Korrispondenza.**

(2849) Email mingħand Niall Gregory (Charter) dwar laqgħa fit-30 ta' Gunju
(2850) Email mingħand Tiziana Tinozzi (Bucine) dwar youth exchange tal-Football)
(2851) Email mingħand Bill Hermitage (Delicata) dwar Wine Festival 2011
(2852) Email mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar Eden Network meeting 6-7 April
(2853) Email mingħand is-Superjur dwar il-Mejda ta' l-Appostli
(2854) Kopja ta' korrispondenza lis-Supritendent tal-Pulizija dwar Karnival tan-Nadur 2011
(2855) Sponsorship Agreement mal-General Soft Drinks Ltd.
(2856) Ittra mill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar l-applikazzjoni tagħna taħt il-Priority AXIS 2
(2857) Email mingħand Helma Van Druren (Charter) dwar study trip
(2858) Ittra mis-Soċjeta Filaromonika Mnarja dwar parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja waqt il-Karnival
(2859) Ittra mill-Care Malta dwar il-premju Nazzareno Vassallo (elder care)
(2860) Ittra mill Assistant Kummissarju Raymond G. Zammit dwar laqgħat
(2861) Email mill-Kunsill Lokali Isla dwar lokalitajiet rebbieħa ta' l-Eden
(2862) Ittra mill-MEPA dwar garanzija tal-bank għar-restawr tas-salib tal-pjazza
(2863) Applikazzjoni għall-bozza ġdida fi Triq ta' Hida
(2864) Kopja ta' korrispondenza ma l-Enemalta dwar Triq Dicembru 13
(2865) Memo 10/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 23219
(2866) Memo 9/2011 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' librerija lokali
(2867) Email mingħand l-Imħallef J. Galea Debono, Segretarju Onorarju tal-Malta Aviation Museum Foundation dwar il-biċċiet ta' ajruplani
(2868) Email mingħand Dr. Jean Paul Grech dwar il-każ Charlie & Teresa Debono vs. Saviour Xiberras.
(2869) Ittra mit-Transport Malta dwar Loading/Unloading fi Triq il-Kappillan

**11. Kiosks tal-Karnival.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' Kiosk (Peter Paul Vella) sabiex ikabbar il-kiosk tiegħu u jibqa fl-istess post. Dan qed jarma quddiem residenza fi Triq it-Tramuntana u jekk il-kiosk jigber iżjed jiġi quddiem il-bieb tar-

residenza. Il-Kunsill ma qabilx li dan jingħata aktar kobor quddiem din ir-residenza iżda offrilhu post ieħor fejn jista jarma il-parti l-ġdida. Dan sabiex ma jdejjaqx ir-resident tad-dar. Kien hemm talba oħra sabiex kiosk jigber fil-qisien tiegħu fi Triq Diċembru 13, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni jekk il-kiosk l-oħra jkunu jistgħu jarmaw fil-postijiet tagħhom mingħajr ma jkunu ħarġu mill-postijiet allokati lillhom. Il-Kunsill ġie nformat ukoll li wieħed mis-sidien tal-kiosks biegh il-kiosk tiegħu. Is-sid il-ġid talab sabiex iżżomm il-post tas-sid preċendi. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

12. **Servizz ta' ambulanza**. Il-Kunsill talab kwotazzjoni għas-servizz ta' ambulanza u first aid fil-Karnival spontanju. Il-Kunsill ġie offrut żewġ servizzi. Dan kienu ta' ERRC (Emergency Response Rescue Corps) bil-prezz ta' €25 fis-siegha (madwar €625) u ta' Medistar Malta bil-prezz ta' €1625. Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' ERRC peress li dawn qed joffri l-istess servizz bħas-snin ta' qabel u bi prezz aħjar. Is-servizz ta' Medistar ma kienx fih bizzejjed persuni għall-kwantita ta' nies li jkun hemm.

13. **Applikazzjoni ERDF**. Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar l-applikazzjoni tagħna għall-fondi taħt il-Priority Axis 2 of Operational Programme I – investing in competitiveness for a Better Quality of Life. L-applikazzjoni għadiet iżda tpoġġiet fuq ir-Reserve List minħabba nuqqas ta' fondi.

14. **Laqgħa tac-Charter.** Il-Kunsill irċieva stedina għall-10 persuna (6 adulti u 4 żgħażagħ) sabiex jattendu għall-laqgħa tac-Charter li jmis f' Cashel Ireland bejn it-30 ta' Gunju u 4 ta' Lulju 2011. Is-Sindku staqsiet il-Kunsilliera humiex interessati li jattendu. Maria Natoli u s-Sindku wrew interess. Ser jiġu mistiedna membri tas-sotto kumitat sabiex jattendu jekk ma jkunx hemm kunsilliera li jridu jattendu.

15. **Karnival Spontanju.** Saret laqgħa mal-pulizija u sidien ta' ħwienet u bars dwar il-Karnival spontanju. F'din il-laqgħa ġew diskussi il-permessi sabiex bars jarmaw barra u l-ħinijiet ta' daqq. Il-pulizija għandhom jerġu jkellmu lill-Kunsill dwar ħinijiet ta' daqq li jista jsir barra. Ser jintremew erbgħa palkijiet għall-"Live Bands" barra. Dawn ser isiru quddiem il-każin tal-banda, quddiem il-każin tal-football, ħdejn Anthony's Bar & Restaurant u quddiem il-każin tal-PN. Il-puliżija talbu d-dettalji tal-bands li ser ikunu fuq il-palk.

16. **Charter.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar il-possibilta' li ssir meeting dwar il-kummerċ f'Għawdex. Il-kunsill issuġġerixxa li ngħaddu dan is-suġġeriment lil Gozo Business Chamber. Il-kunsill għandu jinforma lil tac-Charter dwar dan.

17. **Karnival Organizzat.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja fejn infomaw lill-Kunsill li l-ħlas tagħhom għas-servizz tagħhom fil-Karnival organizzat huwa ta' €465. Il-Kunsill aċċetta li jħallas dan l-ammont bil-kundizzjoni li l-banda tagħmel l-istess marċijiet u tilbes l-istess kostumi li ser tkun tieħu sehem bihom fil-Karnival ta' Għawdex.

18. **Resurfacing Triq Diċembru 13.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill bil-problemi li nħolqu fi Triq Diċembru 13 waqt li kien qed issir ix-xogħol ta' resurfacing. Il-cables tad-dawl kienu qegħdin fil-wiċċ tat-triq u kienu qegħdin joħolqu periklu kbir. Il-Kunsill kellu jikteb lic-Chairman ta' l-Enemalta sabiex tiġi solvuta din il-problema.

**19. Kumitat taż-Żgħażagh.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żgħażagh organizzaw talk għaż-żagħżagħ u l-ġenituri tagħhom. Din it-talk saret minn Roderick Bugeja.

**20. Eden Networking.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sindku ta' l-Isla dwar sabiex jibda networking flimkien mal-rebbieħa tal-Premju EDEN. Għal dan il-għan peress li huma wieħed mir-rebbieha ta' dan il-Premju qegħdin jorganizzaw attivita' bl-isem ta' Senglea Marittima bejn is-27 u 29 ta' Mejju. Huma talbu sabiex in-Nadur (li rebaħ il-Premju Eden fis-sena 2006/2007) sabiex jieħu sehem f'din l-attivita' permess ta' re-enactment jew folklor il-Ħadd 29 ta' Mejju. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jitlob lill-Folkgroup tan-Nadur sabiex jieħdu sehem f'din l-attivita.

**21. Paroċċa Nadur.** Il-Kunsill irċieva kopja ta' applikazzjoni tal-MEPA (PA01728/06) dwar tibdiliet fil-bini tal-knisja. F'din il-korrispondenza hemm indikat li saru xi saru pjanti ġodda. Il-Kunsilliera qablu sabiex bħal Kunsill ta' qabel dan ma jidħolx f'din l-applikazzjoni iżda jħalli lill-MEPA tideċidi dwarha.

**22. Biċċiet ta' Ajruplani.** Il-Kunsill irċieva email mingħand l-Onor J. Galea Debono, Segretarju Onorarju tal-Malta Aviation Museum Foundation fejn il-Kunsill ġie nformat li l-Kunsill jista jiehu lura l-biċċiet ta' l-ajruplani tat-tieni gwerra dinjija. Huma talbu iżda li jkunu jistgħu jżommu parti waħda minn dawn il-biċċiet sabiex jinkorporawha f' "mock up crash site". Il-Kunsilliera qablu li dawn il-biċċiet ta' ajruplani jingħataw lura lil Dun Dumink Camilleri peress li huwa qed jinsisti li dawn jiġu lura n-Nadur. Il-Kunsill mhux ser ikollu x'jaqsam ma' dawn il-biċċiet. Dun Dumink Camilleri għandu jagħmel l-arranġamenti sabiex jinġabu luru u huwa responsabbli wkoll sabiex issib post għalihom. Il-Kunsill ser jitlob lil-Dun Dumink Camilleri sabiex jaċċetta li jsellef il-biċċa li qegħdin jitolbu l-Malta Aviation Museum Foundation sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-wirja tagħhom.

**23. Qorti.** Jidher li l-avukat ta' Carmel Debono ma kienx irċieva l-ittra tal-Kunsill fejn il-Kunsill kien informa lil-Avukat li l-Kunsill aċċetta li jħallas nofs l-ispejjes mitluba mil-klijent tiegħu sabiex tiġi magħluqa dan il-każ (€137). Wara li l-Kunsilliera, Dr. Rita Mifsud tkellmet ma' l-Avukat Dr. Jean Paul Grech dwar din l-offerta u għamel kontra offerta u talab li l-Kunsill iħallas l-ispejjes kollha tal-kiri tal-karozza (€90), l-ispejjes biex inġabar ir-rapport tal-pulizija (€6.99) u 2/3 ta' l-ispejjes ta' l-avukat (€177). B'kollox hu qed jitlob l-ammont ta' €215. Dr. Rita Mifsud issuġġeriet li l-Kunsill joffri li jħallas nofs l-ispejjes ta' l-avukat, u l-ispejjes l-oħra (b'kollox €185), bil-kundizzjoni li s-Sur Debono jirtira l-proċeduri kriminali kontra Saviour Sciberras. Il-Kunsilliera qablu ma' dan.

**24. Triq ta' Said.** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Gatt Tarmac Ltd. sabiex jirranġa Triq ta' Said fejn qed iżomm l-ilma tax-Xita. Hu qed jitlob l-ammont ta' €7354.51. Barra dan l-ammont Gatt Tarmac qed jitlob €5150.24 bħala bilanċ tar-resurfacing works li saru originarjament u €799 meta għamel il-patching li kellha tirranġa l-problema ta' l-ilma iżda fil-fatt ġiet agħar. Il-kunsill mhux jaqbel li dan l-ammonti jitħallsu lill Gatt Tarmac peress li qabel ma għamel ix-xogħol ta' resurfacing f'din it-triq ma kienitx iżżomm l-ilma tax-xita. Għalhekk il-Kunsill huwa lest li jħallas il-bilanċ dovut lill-Gatt Tarmac ta' €5150. meta titranġa it-triq. Il-Kunsill qed jistenna ir-rapport tal-perit Robert Grech dwar din it-triq. Robert Grech huwa perit

indipendenti minn dan ix-xogħol għaliex ma kienx hu il-contract manager meta kienet qegħda issir it-triq.

**25. Budget u Laqgħa Pubblika.** Il-budget għas-sena 2011 ġie approvat u ġiet iffisata id-data ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu biex tinżamm il-laqgħa pubblika fis-6:00 ta' filgħaxija fis-Sala Joe Tabone.

**26. Karnival Organizzat.** Il-Kunsilliera raw il-programm tal-Karnival Organizzat li ser issir nhar il-Ħadd 27 ta' Frar. Dan ser jibda b'sfilata minn Triq Diċembru 13 u jkun hemm żfin fl-istess triq qabel ma jibda l-programm fi Pjazza San Pietru u San Pawl. L-isfilata tibda fis-1 ta' wara nofsinhar minn ħdejn il-każin tal-banda. Il-banda Gugga mhux ser tinġab għaliex il-prezz kien għoli. Ser issir press release dwar l-attivitajiet organizzati tal-Kunsill u dwar il-karnival spontanju fejn ser jingħata tagħrif dwar it-trasport pubblika li ser ikun offrut kif ukoll xi direttivi tal-pulizija dwar karrijiet fil-karnival spontanju.

**27. Affarijiet oħra.** Hemm bżonn ta' patching fit-toroq: San Kurunato, Dahlet Qorrot, Madonna ta' Fatima u Wied ir-Rihan. Hemm bozza nieqsa fi Triq it-Tiġrija bejn l-Iskola Primarja u Triq Lazru Pisani. Il-Kunsill għandu jitlob lil-Gvern Centrali sabiex teħel bozza f'dan il-post. Hemm bozza fi Triq Dicembru 13 (central hanging) li tixgħel u titfi) jekk hemm bżonn din għandha tinbidel u tiġi mwaħla mal-ħajt. Hemm bozza tixgħel u titfi fi Sqaq Dun Karm Caruana. Charles Said qal li hu rċieva talba sabiex issiru yellow lines quddiem ir-residenza ta' Mary Mejlak fi Triq il-Madonna ta' Lourdes. Il-Kunsill għandu jitlob lil Transport Malta għal dan.

**28. Kontijiet li ġew approvati**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9958 | Smart Office Supplies Ltd. | 18.59 | stationery |
| 9959 | Eldorado Restaurant | 217.00 | Elderly outing |
| 9960 | GO | 172.41 | telephone & fax lines |
| 9961 | Simon Peter Sultana | 260.00 | Repair of Gaggazza Wall |
| 9962 | Anglu Camilleri | 75.00 | refund of tendering fee |
| 9963 | Richard Cauchi | 3078.69 | street lighting |
| 9964 | Frances Cassar | 280.00 | council flag to replace torn one |
| 9965 | Peter Paul Buttigieg | 65.00 | website updating |
| 9966 | The Archpriest | 175.00 | Dec & Jan use of hall for elderly |
| 9967 | KIP Ghawdex Ltd. | 2399.87 | refuse collection |
| 9968 | Joanne Ciantar | 300.00 | removal of tree stumps |
| 9969 | Mary Attard | 70.32 | library extra opening hours |
| 9970 | Central Power Installations | 714.70 | lift maintenance contract 2011 |
| 9971 | SM Design | 108.56 | signs |
| 9972 | Office Club | 85.00 | toner for printer |
| 9973 | Saviour Meilak | 113.05 | public convenience cleaning |
| 9974 | MITA | 19.92 | email accounts councillors |
| 9975 | Ivan Attard | 100.00 | Christmas Market entertainment |
| 9976 | Marthese Caruana | 131.25 | Dec & Jan office cleaning & tableclothes |
| 9977 | Frank's Autoparts Service | 186.35 | replacment part |
| 9978 | Joseph Rapa | 409.80 | new pavements |
| 9979 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 96.62 | contract manager street lighting |
| 9980 | Anthony Mercieca | 95.61 | bulky refuse |
| 9981 | Mary Rose Grima | 90.00 | Jan elderly day centre |
| 9982 | Concetta Mifsud | 90.00 | January elderly day centre |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9983 | Gemma Zammit | 140.00 | January elderly day centre |
| 9984 | Saviour Xiberras | 588.00 | January street sweeping, soft areas & diesel |
| 9985 | John Ivan Xuereb | 1054.00 | street sweeping & attendent |
| 9986 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 380.00 | solar panels contract manager |
| 9987 | Joe Bonello | 710.00 | miscellaneous parts |
| 9988 | Transport Malta | 84.00 | official during open market |
| 9989 | Joe Camilleri | 16.00 | parts |
| 9990 | Simon Peter Sultana | 10670.69 | part payment of alley paving |
| 9991 | Corey Cardona | 30.00 | Carnival Poster Design |
| 9992 | Malta Community Chest Fund | 130.22 | donations collected |
| 9993 | ARMS Ltd. | 130.00 | Temporary Meter – Carnival |
| 9994 | Department of Information | 9.32 | advert for locality meeting |
| | TOTAL | €23,294.97 | |

Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu fis-7:30 p.m.